# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## MINUTI

## SEDUTA NRU 275 – It-Tnejn 9 ta' Diċembru, 2013

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00p.m. Ippresieda s-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

## PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi-Sindku Dr Mark Anthony Vassallo
Il-Kunsillier is-Sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier Emanuel Cutajar
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

## ASSENTI

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva komunikat mingħand il-Kunsilliera Mario Cachia u Mariette Borg, li minħabba raġunijiet ta' mard ma kienux possibli għalihom li jattendu s-seduta. Is-Sindku ippropona li għandhom jitniżżlu bħala assenti skużati. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta nru.274 ikunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Emanuel Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**2.1 *Planting Roundabouts***

Is-Sindku qal li minħabba li sar progress sostanzjali rigward ix-xogħlijiet marbutin ma' dan il-kuntratt, huwa ippropona li jiġġedded għall-perjodu sħiħ tiegħu. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**2.2 Latrina ta' Lapsi**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara li saru xi emendi fil-pjanti, il-Perit mistenni li jdaħħal l-applikazzjoni mal-MEPA fil-jiem li ġejjin.

**2.3 Triq il-Knisja l-Qadima**

Is-Sindku qal li llum wasal komunikat mingħand Transport fejn qed jingħata permess għal xahar bi prova biex l-imsemmija triq tingħalaq għat-traffiku waqt il-ħin tad-Duttrina. Huwa kompla jgħid li, madankollu, mhuwiex indikat jekk it-triq hux se tingħalaq ukoll għall-Arriva. Għalhekk huwa se jikkomunika mal-Perit De Noto, dwar din il-materja.

Huwa ippropona li jekk m'hemmx diffikultajiet dwar l-Arriva, l-arranġamenti l-ġodda jibdew minn Jannar u jkollna bżonn is-servizz tal-gwardjani lokali. Huwa se jiċċekkja mar-Reġjun, jekk nistgħux niġu eżentati mill-ħlasijiet.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 3. FINANZI

**3.1 Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti.

Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 4. KUNTRATTI

**4.1 Cleaning & Maintenance of Public Conveniences LCS 24/13**

Is-Sindku qal li billi jista' jkollu konflitt ta' interess kien se jirtira u għalhekk is-seduta kompliet taħt il-presidenza tal-Viċi-Sindku. Il-Viċi Sindku qal li mill-ħames offerenti, l-irħas waħda hija dik tas-sur Emidius Camilleri. Wara diskussjoni dwar l-offerta, il-Viċi-Sindku ippropona li għandha tintgħażel l-irħas waħda.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill irriżolva b'mod unanimu.

***4.2 Cleaning and Clearing of Urban and surfaced non urban Areas LCS 23/13***

Is-Sindku reġa' daħal fis-sala u ħa t-tmexxija tas-seduta.
Huwa qal l-Bord tal-Għażla dwar din is-sejħa għall-offerti kien iltaqa' mal-offerenti kollha u ddiskuta magħhom il-proposta tagħhom. Huwa qal li ħejja rapport f'isem il-Bord u għadda kopja tiegħu lill-kunsilliera. Għar-raġunijiet imniżżla u spjegati fih dan ir-rapport, il-Bord tal-Għażla kien qed jirrakkomanda li għandha tintgħażel l-offerta tas-Sur Mario Mizzi minħabba li hija l-aktar waħda vantaġġjuża.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.4 Street Sweeping LCS 13/12**
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fil-31 ta' Diċembru se tiskadi l-ewwel sena ta' dan il-kuntratt. Is-Sindku ippropona li għandu jiġġedded għat-tieni sena tiegħu.
Il-Kunsillier Emanuel Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 5. HWEJJEĠ OHRA

**5.1 *Vacation Leave* tas-Segretarju Eżekuttiv**
Is-Sindku qal li minħabba esiġenzi ta' xogħol, is-Segretarju Eżekuttiv għad baqgħalu tnax-il ġurnata *vacation leave* u għalhekk ippropona li dan jiġġedded għas-sena d-dieħla.
Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill irriżolva favur b'mod unanimu.

**5.2 Performance Bonus tal-Impjegati**
Is-Sindku ippropona li s-Segretarju Eżekuttiv is-sur Nikol Baldacchino, kif ukoll l-impjegati Ms Ritienne Giorgino, Ms Maria Muscat, u Ms Agnes Borg jingħataw il-*performance bonus* għall-massimu li tippermetti l-liġi u r-regolamenti relatati.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill irriżolva unanimament.

**5.3 Customer Care Clerk**
Is-Sindku qal li kif kien diġà qal f'seduta preċedenti, minħabba li l-ammont ta' xogħol ta' Customer Care kompla jiżdied, u billi preżentament il-Customer Care Clerk taħdem massimu ta' 25 siegħa, is-Segretarju Eżekuttiv qed jitlob li dan ix-xogħol jibda jsir fuq bażi ta' *full-time.* Wara li saret talba lid-Dipartiment, is-sur Pio Farrugia, Assistent Direttur (Human Resources) ikkonferma li din il-bidla tista' ssir, bil-kundizzjoni li ssir Sejħa Interna.

Għalhekk is-Sindku ippropona li wara li saret din is-sejħa u applikat biss Ms Agnes Borg, Il-Kunsill għandu jimpjegaha mill-1 ta' Jannar, 2014, mhux aktar fuq bażi *part-time* imma fuq bażi *full-time.*

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill irriżolva favur b'mod unanimu.

**5.4 Measure 313 – Salib tal-Għolja**
Is-Sindku qal li wara li s-Segretarju Eżekuttiv iffirma l-kuntratt mal-*Managing Authority*, il-Perit ħejja l-BOQs u għalhekk ippropona li noħorġu s-sejħa għall-offerti.
Il-pjan hu li dawn jiġu aġġudikati fil-bidu ta' Marzu biex wara l-Għid ikunu jistgħu jibdew ix-xogħolijiet. Il-Kunsillier Emanuel Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.5 Attività b'riżq is-saħħa**
Il-Viċi-Sindku qal li din se ssir il-Ħadd, 16 ta' Marzu u matulha se jsir b'xejn screeing ta' pressjoni, zokkor u possibilment anki ta' cholesterol.

**5.6 Laqgħa għaż-żgħażagħ**

Is-Sindku qal li hemm il-ħsieb li flimkien ma' Clara Grixti tiġi organizzata laqgħa għażżgħażagħ biex dawn iressqu l-ilmenti u s-suġġerimenti tagħhom. Billi minn Jannar ikollna s-servizz ta' live streaming, din tista' wkoll issir b'mod virtwali billi jintuża wkoll il-Facebook.

**5.7 Jum is-Siġġiewi**

Is-Sindiku ippropona li dan jiġi organizzat s-Sibt l-1 ta' Marzu u fost affarijiet oħra ssir ċerimonja fis-Sala tal-Kunsill. Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.8 L-anniversarju tat-twelid ta' Profs Nikol Zammit**

Is-Sindku qal li s-sena d-dieħal jaħbat il-200 sena mit-twelid tal-Profs. Nikola Zammit. Huwa qal li jkun jixraq li dan l-avveniment jiġi mfakkar b'avvenimenti xierqa.

**5.9 Armar ta' tinda, mwejjed u siġġijiet mis-Siggiewi Football Club**

Is-Sindku qal li irċieva talba mingħand is-sur Tyrone Gatt biex fil-jiem tal-festi tintrama tinda quddiem il-Każin tal-Football. Huwa qal li ma kienx se jipparteċipa fid-deċiżjoni dwar din il-materja minħabba probabbiltà ta' kunflitt ta' interess. Għal din ir-raġuni irtira mil-laqgħa u ħa t-tmexxija l-Viċi-Sindku.

Il-Viċi-Sindku ippropona li għandna noħorġu l-permess bil-kundizzjoni li jħalli aċċess għat-traffiku, ma joħloqx ikonvenjent għall-ġirien, u li jnaddaf wara. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill irriżolva favur.

Is-Sindku reġa' ħa t-tmexxija tas-seduta.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-8.30pm u ippropona li s-seduta li jmiss titlaqqa' nhar it-Tnejn 13 ta' Jannar fis-7:00pm. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

**L-Avukat Dr Karol Aquilina**
**Sindku**

**Is-Sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum it-Tnejn, 13 ta' Jannar 2013.**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 18/11/13-9/12/13

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | forte | 49.50 | 49.50 | d | pf | car hire screens project 19/11/13 | 19.11.13 | 3155 | | | 3331 | 9941 |
| 2 | tctc | 610.00 | 610.00 | d | pf | deposit courses nov13 | | | | | 3373 | 9963 |
| 3 | tctc | 60.00 | 60.00 | d | pf | deposit courses nov13 | | | | | 3373 | 9963 |
| 4 | mita | 833.69 | 833.69 | d | pf | wide area connectivity july-dec13 | 15.11.13 | 29086 | | | 3110 | 9962 |
| 5 | ecopure | 4.25 | 4.25 | d | pf | water for dispenser | 3.12.13 | 560635 | | | 2670 | 9961 |
| 6 | ecopure | 12.74 | 12.74 | d | pf | water for dispenser | 19.11.13 | 559583 | | | 2670 | 9961 |
| 7 | ecopure | 8.50 | 8.50 | d | pf | water for dispenser | 10.9.13 | 526438 | | | 2670 | 9961 |
| 8 | ecopure | 8.50 | 8.50 | d | pf | water for dispenser | 26.3.13 | 540104 | | | 2670 | 9961 |
| 9 | ecopure | 12.74 | 12.74 | d | pf | water for dispenser | 25.4.13 | 542349 | | | 2670 | 9961 |
| 10 | ecopure | 4.25 | 4.25 | d | pf | water for dispenser | 31.7.13 | 550171 | | | 2670 | 9961 |
| 11 | ecopure | 17.00 | 17.00 | d | pf | water for dispenser | 2.10.13 | 555737 | | | 2670 | 9961 |
| 12 | ecopure | 4.25 | 4.25 | d | pf | water for dispenser | 8.10.13 | 556161 | | | 2670 | 9961 |
| 13 | ecopure | 8.50 | 8.50 | d | pf | water for dispenser | 23.10.13 | 557333 | | | 2670 | 9961 |
| 14 | ecopure | 12.74 | 12.74 | d | pf | water for dispenser | 5.11.13 | 558479 | | | 2670 | 9961 |
| 15 | milord | 3753.46 | 3753.46 | t | pf | cleaning non urban oct13 | 25.11.13 | 353 | | | 3052 | 9931 |
| 16 | milord | 3753.46 | 3753.46 | t | pf | cleaning non urban nov13 | 25.11.13 | 354 | | | 3052 | 9931 |
| 17 | smart | 76.82 | 76.82 | d | pf | stationery | 26.11.13 | 13048477 | | | 2620 | 9960 |
| 18 | arms | 293.06 | 293.06 | d | pf | fx mangion 14/9/13-14/11/13 | 4.12.13 | 17751929 | | | 2130 | 9959 |
| 19 | wastecollection ltd | 579.92 | 579.92 | t | pf | waste collection oct13 | 31.10.13 | a-070 | | | 3041 | 9967 |
| 20 | b.grima | 159.30 | 159.30 | t | pf | thinner road markings | 27.11.13 | 10004086 | | | 2314 | 9958 |
| | **Sub Total c/f** | **€10,262.68** | **€10,262.68** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€10,262.68** | **€10,262.68** | | | | | | | | | |

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 275 tal-9/12/13**

Kunsillier

**Data:** **18/11/13-9/12/13**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | doi | 27.96 | 27.96 | d | pf | publication of adverts tenders | 27.11.13 | | | | 2930 | 9957 |
| 22 | cir | 1666.32 | 1666.32 | d | pf | cir nov 13 | 15.12.13 | | | | | 9965 |
| 23 | r.giorgino | 22.04 | 22.04 | d | pf | christmas decorations | 30.11.13 | | | | 2670 | 9956 |
| 24 | ronald bezzina | 2770.83 | 2770.83 | t | pf | street sweeping nov13 | 30.11.13 | 11 | | | 3051 | 9955 |
| 25 | n.baldacchino | 95.50 | 95.50 | d | pf | expenses screens accomodation | 22.11.13 | | | | 3331 | 9946 |
| 26 | n.baldacchino | 590.00 | 590.00 | d | pf | courier service exhibition africa comics | 21.11.13 | 37154 | | | 3331 | 9946 |
| 27 | eric andriantsialonina | 73.92 | 73.92 | d | pf | expenses screens visit | 20.11.13 | | | | 3331 | swift |
| 28 | eric andriantsialonina | 600.00 | 600.00 | d | pf | expenses screens lectures | 22.11.13 | | | | 3331 | swift |
| 29 | alex camilleri | 847.43 | 847.43 | t | pf | public conveniences nov13 | 1.12.13 | 80 | | | 3053 | 9930 |
| 30 | a.aquilina | 105.81 | 105.81 | d | pf | attendance library nov13 | 1.12.13 | | | | 2995 | 9969 |
| 31 | abakuslabs | 135.70 | 135.70 | d | pf | hosting and maintenance 1/10/13-30/9/14 | 19.11.13 | 10674 | | | 3110 | 9935 |
| 32 | nvc | 300.00 | 300.00 | d | pf | operating materials | 12.9.13 | 5712 | | | 2210 | 9953 |
| 33 | j.gatt | 663.03 | 663.03 | t | pf | supervisor of works oct13 | 1.11.13 | | | | 3120 | 9952 |
| 34 | p.cutajar | 129.00 | 129.00 | d | pf | 3 boxes coffee | 28.11.13 | 703184 | | | 2220 | 9951 |
| 35 | p.cutajar | 122.68 | 122.68 | d | pf | 6 boxes wime recetion exhibition screens | 4.12.13 | 704307 | | | 3331 | 9951 |
| 36 | daniel cutajar | 347.51 | 347.51 | t | pf | bulky nov13 | 2.12.13 | 11 | | | 3042 | 9933 |
| 37 | ganaja | 2163.15 | 2163.15 | t | pf | various repair works roads | 26.11.13 | 15 | | | 2370 | 9950 |
| 38 | ganaja | 1333.80 | 1333.80 | t | pf | works shelters pjazza | 26.11.13 | 15 | | | 2370 | 9950 |
| 39 | cassie cutajar | 144.00 | 144.00 | d | pf | clerikalm work saturdays nov13 | 1.12.13 | | | | 3065 | 9949 |
| 40 | p.farrugia | 78.30 | 78.30 | d | pf | minerals for exhibition screens openieng | 3.12.13 | 61 | | 179/13 | 3331 | 9948 |
| | **Sub Total c/f** | **€12,216.98** | **€12,216.98** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€10,262.68** | **€10,262.68** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€22,479.66** | **€22,479.66** | | | | | | | | | |

Sindku — Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 275 tal-9/12/13**

Kunsillier — Kunsillier

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 275**

**Data:** **18/11/13-9/12/13**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | d.grima | 80.00 | 80.00 | t | pf | fuel expenses nov13 | 1.12.13 | | | | 2760 | 9947 |
| 42 | n.baldacchino | 126.00 | 126.00 | d | pf | fuel expenses nov13 | 1.12.13 | | | | 2760 | 9946 |
| 43 | klikk | 155.00 | 155.00 | d | pf | ink cartridges | 20.11.13 | 9144 | | | 2620 | 9945 |
| 44 | access point | 236.00 | 236.00 | d | pf | it virtual pack dec13 | 1.12.13 | 4068 | | | 3110 | 9944 |
| 45 | access point | 70.80 | 70.80 | d | pf | backup package | 1.12.13 | 4069 | | | 3110 | 9944 |
| 46 | go | 34.94 | 34.94 | d | pf | adsl dec13 | 5.12.13 | 35524586 | | | 2160 | 9943 |
| 47 | go | 35.97 | 35.97 | d | pf | 21468874 nov13 | 5.12.13 | 35524586 | | | 2160 | 9943 |
| 48 | go | 16.95 | 16.95 | d | pf | 21462946 nov13 | 5.12.13 | 3554599 | | | 2160 | 9943 |
| 49 | go | 80.24 | 80.24 | d | pf | 21466000/21466036 nov13 | 5.12.13 | 35524614 | | | 2160 | 9943 |
| 50 | go | 35.34 | 35.34 | d | pf | 21465799/21465805 dec13 | 5.12.13 | 35524649 | | | 2160 | 9943 |
| 51 | method&solutions | 100.30 | 100.30 | d | pf | domain name | 2.12.13 | 222 | | | 3110 | 9942 |
| 52 | mayor | 669.94 | 669.94 | d | pf | honoraria nov13 | | | | | 1100 | |
| 53 | employees | 4759.12 | 4759.12 | d | pf | salaries nov13 | | | | | 1200 | |
| 54 | | | | | | | | | | | | |
| 55 | | | | | | | | | | | | |
| 56 | | | | | | | | | | | | |
| 57 | | | | | | | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€6,400.60** | **€6,400.60** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€6,400.60** | **€6,400.60** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 275 tal-9/12/13**

Kunsillier

Kunsillier